MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2013

Numru. 497/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dennis Theuma)**

**vs**

**Jennifer Azzopardi**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputata Jennifer Azzopardi ta’ 26 sena, bint Ignatius u Rita nee` Spiteri, imwielda l-Pieta` fil-11.5.1985, residenti gewwa 15, Triq San Mikiel, Fgura u detentrici tal-karta tal-identita` numru 264885(M):

Akkuzata talli gewwa dawn il-Gzejjer, fl-1 ta’April 2012 u fix-xhur ta’qabel din id-data:

1. Kellha fil-pussess taghha r-raza mehuda mill-pjanta *Cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala

bazi din ir-raza bi ksur ta’ l-Artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. Kellha fil-pussess taghha d-droga *Herojina* specifikata fl-ewwel skeda ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kinitx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta’l-Ordinanza u meta ma kinitx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kinitx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess taghha u naqset li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N.292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet mitluba illi fil-kaz ta’ htija, barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputata thallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti skond l-artiklu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti, inkluz l-ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101), sabiex din il-kawza tinstema’ minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali;

Rat illi l-imputata irregistrat ammissjoni fi stadju bikri ta’ dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputata wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’Malta, avzatha bil-konsegwenzi legali ta’ dik l-ammissjoni u kkoncedietlilha zmien bizzejjed biex terga’ tikkonsidra t-twegiba u terga’ lura minnha;

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputata, il-Qorti ma tistax hlief issibha hatja tal-imputazzjonijiet kif migjuba fil-konfront taghha.

Ghal fini ta’ piena il-Qorti hadet in kunsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputata, il-fedina penali taghha li mhux wahda allarmanti u li jidher illi l-imputata fittxet ghajnuna, qabdet it-triq it-tajba u rrijabilitat ruhha mill-vizzju tad-droga.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 8(a), it-Taqsima IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal- Ligijiet ta’ Malta, ir-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, fuq ammissjoni, issib lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha, izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet fuq maghmula u b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446, qed tilliberaha bil-kundizzjoni li ma tikkommetix reat iehor fi zmien tmintax-il xahar mil-lum.

Il-Qorti wissiet lill-hatja bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk hija tikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta’ liberazzjoni kondizzjonata.

Stante li ma gewx mahtura esperti f’dawn il-proceduri il-Qorti qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tikkundanna lill-hatja ghall- hlas tal-ispejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Finalment, il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga u/jew l-affarijiet relatati mal-abbuz tad-droga, Dokument DT, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *process-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema

dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta’ din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------